MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Numru 44/1996

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Francis sive Cikku Farrugia**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 1998 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Il-Qorti,

Rat l-Att ta’ Akkuza Nru. 44/96 ;

Rat il-verdett tal-gurati li bih, b'sitt voti kontra tlieta, sabu lill-akkuzat hati skond l-ewwel kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza bic-cirkostanza li l-omicidju volontarju hu skuzabbli minhabba li sar fil-waqt li l-akkuzat kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu; b'seba' voti kontra tnejn, l-istess gurati sabu lill-akkuzat hati skond it-tieni kap; b'seba' voti kontra tnejn, l-istess gurati sabu lill-akkuzat hati skond it-tieni kap; b'seba' voti kontra tnejn sabuh mhux hati skond it-tielet kap; rat ir-rakkomandazzjoni unanima u b'mod ferma tal-gurati ghall-klemenza minhabba l-eta` tal-hati, ic-cirkustanzi familjari tieghu, kif ukoll minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

Tiddikjara lil Francis sive Cikku Farrugia hati ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkaguna l-mewt tal-imsemmija persuna, u cioe` ta' John Farrugia, bic-cirkostanza li d-delitt hu skuzabbli minhabba li sar fil-waqt li l-istess Francis sive Cikku Farrugia kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-moh illi minhabba fiha, fil-waqt tal-imsemmi delitt, ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu, u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza; tiddikjarah ukoll hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma ghal xi ghan legittimu, u dan skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah mhux hati skond it-tielet kap u minnu tilliberah;

Semghet lill-Avukat Dott. Emanuel Mallia ghall-hati u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said dwar il-piena; adet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza r-rakkomandazzjoni unanima tal-gurati ghall-klemenza; rat ukoll ghall-finijiet ta' piena s-sentenzi ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru, 1996 u tal-10 ta' Novembru, 1997 fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive

Salvu Farrugia" u "Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Attard" rispettivament;

Rat l-Artikoli 17(h), 22, 23, 211(1)(2), 227(c), 228(2) u 533 tal-Kodici Kriminali; kif ukoll l-Artikolu 26 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66);

Tikkundanna lill-imsemmi Francis sive Cikku Farrugia ghall-piena ta' ghaxar snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kwalsiasi periodu ta' arrest prevent iv li huwa ghamel in konnessjoni ma' dan il-kaz; tikkundannah ihallas lir-Registratur is-somma ta' mija u tnejn u sebghin lira (Lm172) parti mill-ispejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri, u dan fi zmien xaar mil-lum; tordna fl-ahharnett il-konfiska tas-senter Dok GA19, u tac-cinturin bl-iskratacc Dok GA20".

Rat li minn din is-sentenza Francis sive Cikku Farrugia nterpona appell permezz ta' rikors ta' appell tieghu datat 17 ta' Marzu 1998, u dan billi hassu aggravat bil-verdett u bis-sentenza tal-Qorti Kriminali, u b'liema rikors talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata kwantu ma sabitux hati tat-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza u tirrevokaha kwantu nstab hati tal-ewwel u tat-tieni kapi ta' l-Att ta' Akkuza billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-ligi, filwaqt li talab ulterjorment illi fil-kaz li din il-Qorti tasal biex tikkonferma s-sentenza appellata, il-piena tigi ridotta sabiex tirrifletti l-kaz u r-rakkomandazzjoni tal-gurija.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2003 li permezz tieghu Dr. Emmanuel Mallia u Dr. Giannella Caruana Curran ghall-appellant iddikjaraw li "in vista tal-fatt u tac-cirkostanzi prevalenti qeghdin jirtiraw l-aggravji kontenuti fir-rikors tal-appell tieghu salv l-aggravji dwar il-piena";

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

In vista tal-verbal suriferit li gie registrat mid-difiza fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2003, din il-Qorti hija issa msejha biss biex tikkunsidra l-kwistjoni tal-piena.

Minbarra s-sottomissjonijiet orali li saru waqt l-imsemmija seduta, fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant itenni li l-piena nflitta kienet eccessiva tenut kont ir-rakkomandazzjoni tal-gurija ghall-klemenza ai termini ta' l-artikolu 484 tal-Kodici Kriminali. Ighid li l-Qorti Kriminali ma ghamlet l-ebda komunika lill-President ta' Malta izda jidher li haditha in konsiderazzjoni hi stess. Isostni wkoll li l-ewwel Qorti ma kkunsidrat bl-ebda mod illi l-ligi, filwaqt li tiffissa l-massimu tal-piena ma ssemmi l-ebda minimu u dan proprju biex tqis ic-cirkostanzi ta' kull kaz. Isemmi fl-ahharnett li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-kaz ta' Grazio Gerada li b'verdett simili gie kkundannat erba' snin habs.

Dwar l-ilment ta' l-appellant li l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda komunika lill-President tar-rakkomandazzjoni tal-gurati ghall-klemenza, l-appellant assolutament m'ghandux ragun. L-artikolu 484 tal-Kodici Kriminali jaghti numru ta' opzjonijiet lill-Qorti Kriminali u mhijiex tenuta li tadottahom kollha. Dan l-artikolu jaqra hekk:

**"Kull wiehed mill-gurati jista', billi jaghti r-raguni, jirrakkomanda lill-akkuzat misjub hati, ghall-hniena tal-qorti; u din ir-rakkomandazzjoni tista' tigi milqugha mill-qorti, <u>jew</u> fl-applikazzjoni tal-ligi, <u>jew</u> billi tikkomunikaha lill-President ta' Malta f'rapport li taghmel ghaldaqshekk, <u>jew</u> f'xi wiehed mir-rapporti msemmijin fl-artikoli 493 u 494"** (sottolinear tal-Qorti).

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kliem ta' dan l-artikolu ma jistghux ikunu aktar cari minn daqshekk. Il-kelma "jew" taghti lill-Qorti Kriminali d-diskrezzjoni li tuza kwalunkwe wahda mill-opzjonijet imsemmija. Huwa evidenti li fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti ghazlet li tiddetermina hi dik li dehrilha kienet il-piena gusta fid-dawl anke tar-rakkomandazzjoni tal-gurati ghall-klemenza.

Li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni din ir-rakkomandazzjoni m'hemm l-ebda dubju peress li mhux biss tirreferi ghall-fatt li "rat ir-rakkomandazzjoni unanima u b'mod ferma tal-gurati ghall-klemenza" fit-tieni paragrafu tas-sentenza taghha, izda sahansitra telenka wkoll fil-konsiderandi taghha dwar il-piena fir-raba' paragrafu tas-sentenza, "ir-rakkomandazzjoni unanima tal-gurati ghall-klemenza".

L-appellant ighid ukoll li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx illi l-ligi tiffissa l-massimu tal-piena izda ma ssemmi l-ebda minimu sabiex b'hekk tkun tista' tqis ic-cirkostanzi ta' kull kaz. Minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dik il-Qorti mhux biss, kif iddikjarat hi stess, "hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz", izda sahansitra kienet konxja mill-fatt li l-margini ta' piena f'kazijiet bhal dak in ezami huwa minn gurnata sa ghoxrin sena. Difatti fis-sentenza taghha tirreferi ghas-sentenza moghtija minnha stess fl-10 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Attard** fejn fissret:

"Rinfaccat b'margini ta' piena minn gurnata sa ghoxrin sena priguneríja, il-gudikant jista' mad-daqqa t'ghajn, ikun tentat li jinvoka b'approvazzjoni l-massima legali, attribwita lil Sir Francis Bacon *optima est lex quae minimum relinquit arbitrio judicis, optimus judex qui minimum sibi.* Izda fil-kaz tal-omicidju volontarju skuzabbli [skond l-Artikolu 227] il-legislatur halla margini kbira ta' diskrezzjoni fil-piena proprju ghax irrikonoxxa d-diversita` ta' fatti u cirkostanzi li jistghu jikkonkorru fil-kaz konkret. In fatti l-legislatur jippunixxi l-omicidju volontarju (u l-offizi volontarji fuq il-persuna) skuzabbli minhabba sahna ta' demm mhux ghaliex il-persuna tkun tilfet il-kapacita` li tirrifletti izda ghax il-gudizzju taghha dwar ic-cirkostanzi ta' madwarha u, fil-kaz ta' provokazzjoni, dwar dik il-provokazzjoni, ikun zbaljat b'mod li r-reazzjoni – li tibqa' dejjem wahda doluza – ghal dawk ic-cirkostanzi jew ghal dik il-provokazzjoni tkun sproporzjonata. Aktar ma jkun hemm sproporzjon, aktar il-piena ghandha tkun kbira. Id-dinamika tat-telf tal-kapacita` li wiehed jirrifletti dwar l-eghmil tieghu, specjalment f'kazijiet ta' provokazzjoni, giet

analizzata u spjegata minn Jeremy Horder fil-monografija tieghu *Provocation and Responsibility* (OUP, 1992) ekk:

'Loss of self-control does not hence lead necessarily, or even typically, to wild lashing out or anything of the kind. It leads merely to the retaliation that is desired …. [T]he nature of the retaliation desired depends on the prior judgment of wrongdoing. For it is the judgment of wrongdoing that determines the nature and intensity of the desire, and hence the degree of retaliation desired. As east says of the even-tempered person possessed of reasonable powers of self-control, provocation 'heat[s] the blood to a proportionable degree of resentment' …. The 'proportionable' character of the resentment, and hence the proportionable character of the retaliation, stem from a judgment of wrongdoing that is proportionable to the gravity of the provocation' (pp. 101 - 102).

U l-istess awtur ikompli jghid:

'It is, thus, the judgment of wrongdoing that ultimately determines defendants' reactions where they have lost their self-control …. The desire for retaliatory suffering simply follows in the wake of that judgment, and when self-control is lost, tat desire leads ineluctably to the infliction of the retaliation desired. It is thus judgments of wrongdoing that must be the measure of people's characters when they lose their self-control. A correct judgment of wrongdoing is a display of the virtue of even-temperedness. It follows that the further beyond the mean people go in their judgments of wrongdoing, the greater their departure in point of excess from the path of virtue, and the greater will be the extent of their over-reaction when they lose their self-control' (pp. 105 - 106).

Kif gie osservat f'sentenza Ingliza - *Bancroft* (1981) 3 Cr. App. R. (S) 119 -

'… notwithstanding that a man's reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control, there is still in every

human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for. That must be the justification for passing a sentence of imprisonment, to recognise that there is still left some degree of culpability ….' (p.120)".

L-appellant ilmenta fir-rikors ta' appell tieghu li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni "il-kaz ta' Grazio Gerada" minghajr referenza ghad-data meta nghatat is-sentenza relattiva. Effettivament jirrizulta lill-Qorti li s-sentenza mill-Qorti Kriminali nghatat fit-30 ta' Gunju 1997 u li minnha ma kienx gie ntavolat appell. Minn ezami ta' dik is-sentenza, li tikkontjeni l-konsiderazzjonijiet kollha li waslu lil dik il-Qorti biex tikkundanna lill-imsemmi Grazio Gerada ghal piena ta' erba' snin prigunerija, huwa evidenti li c-cirkostanzi kienu ghal kollox differenti mill-kaz odjern fejn l-avvenimenti li waslu ghall-qtil ta' John Farrugia hadu biss ftit minuti. Altru mela milli l-ewwel Qorti fil-kaz odjern ma kkunsidratx il-margini ta' piena li tistabilixxi l-ligi. Sahansitra ddistingwiet mill-kawzi citati minnha stess, u cioe` **Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Farrugia** deciza mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Novembru 1996 u kkonfermata minn din il-Qorti fil-5 ta' April 2001 fejn l-akkuzat gie kkundannat tnax-il sena prigunerija, u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Attard** suriferita li minnha ma giex intavolat appell u fejn l-akkuzat gie kkundannat hdax-il sena prigunerija.

Minn dan kollu jidher li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti, apparti li hi fil-parametri tal-ligi, giet imposta minnha fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha rilevanti u inoltre l-piena ma gietx inflitta fil-massimu taghha. Nonostante dan, din il-Qorti ghamlet ezami akkurat ta' l-atti sabiex mic-cirkostanzi kollha rizultanti tara jekk ghandux ikun hemm temperament tal-piena nflitta.

Ix-xiehda ta' l-appellant quddiem il-Magistrat Inkwerenti u l-i*statement* sussegwenti li ghamel lill-pulizija huma certament elokwenti hafna u juru c-cirkostanzi li fihom sehh id-delitt in kwistjoni. Ma tistax ukoll din il-Qorti ma tirreferix b'mod partikolari ghax-xiehda ta' Emanuel Zammit li kien prezenti kemm waqt l-ewwel incident kif

ukoll meta l-appellant irritorna fuq il-post bis-senter. Ic-cirkostanzi li rrizultaw minn dawn u minn provi ohra ngabu a konjizzjoni tal-gurati li kellhom il-liberta` kollha biex jifluhom bl-akbar reqqa, u huma cirkostanzi li dwarhom l-ewwel Qorti setghet taghmel, u fil-fehma ta' din il-Qorti fil-fatt ghamlet, apprezzament tajjeb meta giet biex tinfliggi l-*quantum* tal-piena. Difatti din il-Qorti, anke wara li semghet is-sottomissjonijiet orali tad-difensur ta' l-appellant, ma ssib xejn gdid li a bazi tieghu tista' tahseb li l-ewwel Qorti kienet tiddeciedi differentement. Ghalhekk ma thossx li ghandha tiddisturba dak l-apprezzament. Anzi jidhrilha li fic-cirkostanzi li fihom sehh dan id-delitt, il-piena ma kenitx wahda eccessiva, u m'hemm l-ebda raguni valida legalment ghaliex ghandha b'xi mod tvarja minn dik il-piena.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti fl-intier b'dan li l-perijodu ta' xahar biex l-appellant ihallas lir-Registratur is-somma ta' mija tnejn u sebghin liri Maltin (Lm172) parti mill-ispejjez peritali nkorsi f'dawn il-proceduri ghandu jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------